MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 2155/1998/1

**Kontrollur tad-Dwana**

**v.**

**Victor Zammit u Joseph Hili
ghan-nom u in rapprezentanza
tas-socjeta` Mituana Shipping Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-Kontrollur tad-Dwana (i.e. l-intimat f'din il-procedura) minn sentenza moghtija

mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-24 ta' Gunju 2005, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:-
"Il-Qorti

"Rat ir-rikors ta' Victor Zammit u Joseph Hili ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mituana Shipping Limited u dana wara l-ittra ufficjali tal-Kontrollur tad-Dwana pprezentata fit-2 ta' Ottubru 1998 fejn gie premess :-

"Illi l-ebda somma ta' flus ma hija dovuta mir-rikorrenti Mituana Shipping Limited lill-intimat Kontrollur tad-Dwana taht l-Att dwar id-Dazji ta' l-Importazzjoni (Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta);

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u disghin lira Maltija (Lm23,290) ikkwotata mill-intimat mhijiex ezatta;

"Ghalhekk, ghall-fini ta' l-artiklu 466(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) r-rikorrenti nomine qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara t-talba tal-intimat bhala wahda nfondata;

"Rat ir-risposta tal-intimat Kontrollur tad-Dwana fejn gie sottomess :-

"Illi s-somma mitluba permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta'Ottubru 1998 ai termini tal-artiklu 466 tal-Kap 12 ghadha dovuta fl-intier taghha;

"Ghalhekk l-intimat talab li din il-Qorti tiddikjara li l-intimat ghandu titolu ezekuttiv ai termini tal-artiklu 466 tal-Kapitolu 12;

Ikkonsidrat :

"L-intimat Kontrollur tad-Dwana permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru 1998 interpella lis-socjeta` rikorrenti Mituana Shipping Limited sabiex thallas s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u disghin liri (Lm23,290) dovuti bhala

dazju fuq ‘gas oil’ u dana skond l-Att dwar id-Dazji ta’ l-Importazzjoni Kap 337 sezzjoni 15;

“Fir-rikors promotur is-socjeta` rikorrenti tghamel referenza ghall-imsemmija ittra ufficjali u ppremettiet li l-ebda ammont ma hu dovut lill-intimat. Tippremetti ukoll li fi kwalunkwe kaz l-ammont li qed jitlob l-istess intimat hu esagerat u mhux esatt. Ghalhekk, ghall-fini ta’ l-artikolu 466(2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta) is-socjeta` rikorrenti talbet li jigi dikjarat li l-imsemmija talba tal-intimat hi wahda nfondata;

“Fir-risposta tieghu l-intimat issottometta li s-somma mitluba permezz tal-imsemmija ittra ufficjali ghadha dovuta fl-intier taghha u konsegwentement l-intimat talab li jigi dikjarat li huwa ghandu titolu ezekuttiv ai termini tal-artiklu 466 tal-Kapitolu 12;

“Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti hi proprjetarja ta’ “supply boat” bl-isem “Rose” registrata hawn Malta. Jirrizulta li dan il-vapur jassisti u jissuplixxi “oil rigs” u vapuri ohrajn. Jirrizulta li t-talba tal-intimat ghal hlas ta’ dazju tirreferi ghall “fuel” li jigi akkwistat minghajr dazju u li hu konsmat mill-istess vapur “Rose”;

“Ix-xoghol li jghamel il-vapur tas-socjeta` rikorrenti hu principalment barra mill-ibhra Maltin. Ovvjament, peress li l-vapur ghandu l-bazi tieghu hawn Malta, parti mill-“fuel” jigi kkonsmat f’ibhra Maltin u dana sakhemm il-vapur jigi biex johrog mill-ibhra territorjali. Inoltre meta l-vapur ikun sorgut fil-port ta’ Malta jkollu l-“generator” qed jahdem u ghalhekk ikun qed isir konsum ta’ “fuel”. L-intimat qed jippretendi li ghandu jithallas dazju fuq dak il-“fuel” konsmat fl-ibhra territorjali ta’ Malta u meta l-vapur ikun sorgut fil-port ta’ Malta. Da parti taghha s-socjeta` rikorrenti ssostni li m’ghandhiex thallas dazju u dana peress li hi tiggenera l-profitti taghha minn operazzjonijiet li jsiru barra l-ibhra Maltin;

“Hemm divergenza ohra bejn il-partijiet u cioe` l-intimat jikkonsidra li l-vapur ma jkunx sifer jew ahjar ma jkunx

hareg mill-ibrah territorjali Maltin meta ma jkunx hemm prova li l-istess vapur fil-vjagg in kwestjoni jkun dahal f'xi port barrani;

"Ghalhekk jidher li l-kwestjonijiet li hemm pendenti bejn il-partijiet huma s-segwenti:-

"1. Jekk ghandux jithallas dazju meta l-vapur qed jikkonsma l-"fuel" f'ibhra Maltin, pero` fi triqtu biex johrog mill-ibhra territorjali?

"2. Jekk ghandux jithallas dazju waqt li qed isir konsum ta' "fuel" meta l-vapur ikun sorgut f'xi port hawn Malta?

"3. Jekk huwiex korrett l-intimat li jikkonsidra li l-vapur siefer biss meta ikun hemm prova li l-istess vapur dahal f'xi port barrani?

"Da parti taghha jidher li s-socjeta` rikorrenti kkalkolat kemm "fuel" gie konsmat f'Malta u cioe fl-ibhra territorjali Maltin u meta il-vapur kien sorgut f'xi port Malta u ghalhekk hallset is-somma ta' hamest elef liri Maltin (Lm5000);

"Jirrizulta ukoll li fil-periodu in kwestjoni cioe` bejn it-18 ta' Gunju 1992 sat-8 ta' Awwissu 1994 il-vapur Rose ghamel xoghol fl-ibhra Maltin ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin (26) gurnata u tmintax-il (18) siegha. Ghamel xoghol barra l-ibhra Maltin ekwivalenti komplessivament ghal mija hamsa u sittin (165) gurnata u sitt (6) sighat u ghal 447 gurnata kien sorgut fil-port bla ma jahdem;

"Jirrizulta li ufficjali tad-dwana kienu jiehdu reading tal-"fuel" qabel ma l-vapur in kwestjoni kien jitlaq ghal vjagg u jergaw jiehdu reading iehor meta jirritorna. B'hekk kien jigi stabbilit il-konsum tal-"fuel". L-intimat ippresenta l-kontijiet relattivi ghall-pretensjonijiet tieghu, cioe` huwa ppresenta prospett li jindika pjuttost fid-dettal il-pretensjonijiet tieghu (vide fol. 22 u 23);

"Il-partijiet jaqblu li s-socjeta` rikorrenti kienet takkwista z-zejt in kwestjoni "duty free". F'dan ir-rigward is-socjeta`

rikorrenti ssostni li, semmai, jekk kien hemm xi dazju dovut dan kellu jithallas minn min kien jimporta u jbiegh l-istess “fuel” lis-socjeta` rikorrenti. Din is-sottomissjoni ma tistax tigi akkolta, in vista tal-fatt li jidher li s-socjeta` rikorrenti ghandha dritt li takkwista “fuel” oil minnghajr dazju pero` jidher ukoll li hemm certi cirkostanzi li fihom ghandu jithallas id-dazju. Dawn zgur li huma meta l-vapur jissupplixxi xi oil rig jew xi vapur iehor bl-ibhra territorjali ta’ Malta. Is-socjeta` rikorrenti m’ghandiex tigi mgieghla thallas dazju meta s-“supply” issir barra l-ibhra territorjali u dana lanqas ghar-rigward ta’ dak iz-zejt konsmat sakemm il-vapur hareg mill-ibhra territorjali;

“Hu ovvju ukoll li jekk il-vapur tas-socjeta` rikorrenti kien qed jissuplixxi xi oil rig jew xi vapur li kienu jinsabu barra l-ibhra Maltin ma hemmx ghalfejn li ssir il-prova li l-vapur dahal f’xi port barra minn Malta. Ghandu jkun bizzejjed li jkun hemm prova li l-istess vapur hareg mill-ibhra territorjali. Ghalhekk l-hekk imsejjha “policy” tad-dwana la tirrizulta li kienet gusta u lanqas ragjonevoli;

“Jidher li skond il-provedimenti tal-artikoli 6 u 15 tal-Kapitolu 337 id-dazju isir dovut malli z-zejt importat “duty free” jinbiegh biex ikun kunsmat f’Malta. In vista ta’ dak kollu li ntqal aktar il-fuq pero` d-dazju ghandu jkun ritenut dovut biss meta il-konsum isir esklusivament fl-ibhra territorjali. Meta l-vapur johrog mill-istess ibhra anke dak li kien gie konsmat fit-territorju ta’ Malta m’ghandux jithallas dazju fuqu;

“Difatti f’Dicembru 1993 nghatat ezenzjoni ministerjali li essenzjalment ikkonfermat li l-konsum barra l-ibhra territorjali kien ezentat mid-dazju u tnehhiet il-htiega tal-prova li vapur mess port barrani. Jidher ghalhekk li kif ikun hemm konsum barra l-ibhra territorjali, l-konsum kollu hu ezentat mid-dazju;

“In vista ta’ dan kollu jirrizulta li mhux dovut dazju fuq il-“fuel” meta l-vapur qed jikkonsma f’ibhra Maltin, pero` fi triqtu biex johrog mill-istess ibhra territorjali. Ghandu jithallas dazju fuq il-“fuel” meta il-konsum isir waqt li l-vapur ikun sorgut f’xi port hawn Malta u meta is-servizz

jinghata fl-ibhra territorjali Maltin. Ma kienx korrett l-intimat meta kien jesigi prova li l-vapur dahal f'port barra minn Malta sbiex jigi stabbilit jekk il-vapur sifirx jew le;

"Jidher ukoll li l-kalkolu li sar mis-socjeta` rikorrenti hu ragjonevoli u dan tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz u tenut kont ta' kemm jirrizulta li hadem il-vapur tas-socjeta` rikorrenti fil-periodu in kwestjoni. Ghalhekk l-ammont ta' Lm 5000 li s-socjeta` rikorrenti hallset ghandu jitqies li hu l-ammont li kien effettivament dovut. Ghalhekk ukoll mhux dovut ebda bilanc lill-intimat;

"Ghal dawn il-motivi kollha:

"Tipprovdi billi tiddikjara, ghall-fini ta' l-artiklu 466(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) li t-talba tal-intimat, kif kontenuta fl-ittra ufficjali tieghu tat-2 ta' Ottubru 1998, hi wahda nfondata u inoltre tiddikjara li l-intimat m'ghandux titolu ezekuttiv ai termini tal-istess artiklu tal-Kapitolu 12;

"In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

**IR-RIKORS TA' L-APPELL TAL-INTIMAT KONTROLL TAD-DWANA**

2. L-intimat Kontrollur hassu aggravat bis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-24 ta' Gunju 2005, u interpona appell minnha. In succint l-aggravji tieghu huma s-segwenti:
(i) L-appellant jissottometti illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ghamlet "judicial review" ta' agir amministrattiv ghaliex n-natura tal-kawza ma kienx wiehed fejn l-ewwel qorti giet mitluba sabiex taghmel "judicial review", izda l-kawza kienet tikkoncerna talba ghal hlas ta' ammont ta' dazju.
(ii) L-ewwel Qorti fis-sentenza assumiet rwol illi huwa rizervat ghall-Ezekuttiv. L-appellant jissottometti illi l-ewwel Qorti ma setghetx taghmel l-analizi illi ghamlet tal-"policies" illi jinhargu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-Ministru kkoncernat.

(iii) It-tielet aggravju jirrigwarda d-decizjoni illi hadet l-ewwel Qorti dwar l-ammont dovut. L-appellant jissottometti illi l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi illi s-somma dovuta kellha tkun aktar minn hamest elef Liri Maltin (Lm 5000) jew hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin euros u sebgha u tmenin euro centezimi (€11,646.87).

(iv) L-appellant jissottometti fil-hames aggravju illi permezz tal-hlas akkont ta' Lm 5,000, l-istess socjeta` appellata ammettiet illi ghandha taghti l-ammont kollu mitlub mill-appellant, minhabba l-fatt illi meta jsir hlas akkont din hija ammissjoni illi l-ammont huwa dovut.

(v) Fl-ahhar aggravju, l-appellant jissottometti illi s-somma mitluba hija dovuta fl-intier taghha u li ghalhekk l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta ddecidiet illi ma kien hemm l'ebda ammont ulterjuri dovut barra l-ammont ta' Lm 5000 illi kien diga thallas.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-konvenut appellant qieghed jitlob ir-riforma tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-24 ta' Gunju 2005, billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet li ghandu jithallas dazju fuq il-"fuel" meta l-konsum isir waqt li l-vapur ikun sorgut f'xi port hawn Malta u meta s-servizz jinghata fl-ibhra territorjali Maltin, tirrevokaha fil-kumplament u ghalhekk tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant u b'hekk tiddikjara illi l-ittra ufficjali hija ezekuttiva.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELLAT VICTOR ZAMMIT U JOSEPH HILI NOMINE</u>**

3. Skond l-appellati nomine, is-sentenza hija gusta u timmerita konferma. Rigward l-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellat ma jaqbilx illi l-ewwel Qorti ghamlet "judicial review", u dan peress illi bilfors kellu jigi kkonsiderat jekk l-ammont pretiz kienx dovut jew le. L-appellat ma jaqbilx lanqas illi l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha assumiet rwol illi jispetta lill-Ezekuttiv biss. L-

ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust u ragjonevoli tal-fatti u ghamlet konteggi korretti. Rigward ir-raba' aggravju, l-appellati jikkontendu illi l-hlas ta' Lm 5000 ma jfissirx illi kienet xi tip ta' ammissjoni, izda kellu jithallas meta l-vapur kien jahdem fl-ibhra Maltin. Rigward il-hames u l-ahhar aggravju, l-appellati jissottomettu illi la l-ewwel Qorti kkunsidrat illi l-"policy" ma kienitx gusta u korretta ghalhekk huwa assurd illi l-appellant ikompli jinsisti illi l-ewwel Qorti kellha taccetta din il-"policy".

FATTI MERTU TAL-KAWZA

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant Kontrollur tad-Dwana, din il-Qorti thoss li jkun opportun illi taghti sfond fil-qosor dwar il-fatti mertu tal-kawza in kwistjoni.

(i) Din il-kawza tirrigwarda ammont ta' flus allegatament dovut mill-appellati nomine illi jirreferi ghal dazju illi ghandu jithallas fuq "fuel" illi vapuri registrati Malta jikkonsmaw fl-ibhra territorjali Maltin u dan ghal perjodu mis-sena 1992 sas-sena 1994;

(ii) L-appellati joperaw "supply boat" jisimha <u>Rose</u>, liema vapur huwa registrat Malta. Dan il-vapur jassisti u jissupplixxi "oil rigs" u vapuri ohrajn.

(iii) Irrizulta illi l-maggior parti tax-xoghol ta' dan il-vapur issir barra mill-ibhra territorjali Maltin u illi dan il-vapur ghandu l-bazi tieghu Malta. Parti minn dan il-"fuel" jigi kkonsmat fl-ibhra Maltin sakemm il-vapur johrog minnhom.

(iv) Minbarra dan irrizulta wkoll illi meta l-vapur ikun sorgut fil-port f'Malta dan ghandu "generator" illi jikkonsma ammont ta' "fuel";

(v) L-appellati jikkontendu illi huma kienu juzaw "fuel" illi kien "duty free" u illi ghalhekk l-ammont ta' Lm 5000 illi huma hallsu lill-appellant ikopri dak il-konsum illi sar fl-ibhra Maltin;

(vi) Min-naha tal-Kontrollur tad-Dwana (l-odjern appellant) dan jippretendi li l-vapur ma jkunx siefer jew ahjar ma jkunx hareg mill-ibhra territorjali Maltin meta ma jkunx hemm prova li l-istess vapur fil-vjagg in kwistjoni jkun dahal f'xi port barrani.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. L-ewwel aggravju tal-appellant Kontrollur tad-Dwana jirrigwarda l-fatt illi l-ewwel Qorti ghamlet stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva ghalkemm ma' kien hemm l-ebda talba taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili da parti tal-appellati nomine sabiex isir dan.

Din il-Qorti wara li qieset is-sottomissjonijiet kemm ta' naha u kemm ta' ohra, ma tikkonsidrax dan l-aggravju bhala validu u dan kif se jigi hawn spjegat. Kif gia` gie rilevat din il-kawza tikkoncerna opposizzjoni ghal talba da parti tal-Gvern ghal ammont ta' flus dovut bhala hlas ta' dazju. Ghalhekk kif setghet l-ewwel qorti tikkonsidra din il-opposizzjoni maghmula mill-appellant minghajr ma' tevalwa l-fatti kollha illi kellha quddiemha? Fatti illi minhabba illi huma atti amministrattivi jgibu bhala konsegwenza illi bilfors kellha ssir indagini dwarhom da parti tal-ewwel Qorti.

Il-Qrati ghandhom il-gurisdizzjoni u s-setgha sabiex jaghmlu tali indagini u dan mhux biss meta xi parti tinvoka l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Dan il-poter illi ghandhom il-qrati huwa parti mid-dritt amministrattiv illi gie regolarizzat pjenament bl-introduzzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. L-appellant huwa skorrett meta jghid illi l-ewwel Qorti kellha biss tapplika l-ligi u l-"policies" tal-Gvern ta' Malta u tieqaf hemm. Il-Prim Awla ghandha s-setgha illi tara u tevalwa dawk l-atti, basta dan isir fil-parametri tal-ligi. Dan huwa proprju l-fulkru tas-separazzjoni tal-poteri bejn l-ezekuttiv u l-gudizzjarju. Minbarra dan kollu, din il-Qorti tissottolinja l-fatt illi l-ewwel Qorti meta rriteniet illi "Ghalhekk l-hekk imsejha 'policy' tad-Dwana la tirrizulta li kienet gusta u lanqas ragjonevoli" dan qalitu mhux fid-*decide* izda biss *obiter*. In fatti aktar 'il quddiem l-ewwel Qorti rriteniet ukoll

dwar din l-istess "policy" illi, "Difatti f'Dicembru 1993 inghatat ezenzjoni ministerjali li essenzjalment ikkonfermat li l-konsum barra l-ibhra territorjali kien ezentat mid-dazju u tnehhiet il-htiega tal-prova li vapur mess port barrani." Ghalhekk jirrizulta li l-ewwel Qorti kkonsidrat u applikat din il-"policy" ghall-fatti tal-kawza illi kellha quddiemha. Wara kollox "policy" mhix ligi, izda hija prattika li mhux bilfors tigi mbierka mill-Qrati. F'dan l-aggravju l-appellant jissottometti wkoll illi l-ewwel Qorti ddecidiet punti illi marru oltre dak mitlub fir-rikors promotorju. It-talba maghmula mill-appellat fir-rikors promotorju kienet sabiex il-Qorti tiddikjara illi t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana hija nfondata u dan a bazi tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kif jista' l-appellant jippretendi illi l-ewwel Qorti setghet tikkonsidra din it-talba jekk kenitx fondata jew le minghajr ma tikkonsidra l-fatti essenzjali tal-kaz, jigifieri meta vapur ghandu jhallas dazju u meta m'ghandux? Dawn kienu l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti u dawn il-konsiderazzjonijiet kienu entro t-termini tal-kawza kif impostata.

6. Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-appellant huwa michud.

7. It-tieni aggravju tal-appellant huwa illi l-ewwel Qorti assumiet rwol illi skond il-Kostituzzjoni huwa rizervat ghall-Ezekuttiv. L-appellant jibbaza dan l-aggravju billi jissottometti illi meta l-Ewwel Qorti analizzat il-"policies" mahruga mill-Gvern u ddecidiet liema "policies" ghandhom isiru u liema kondizzjonijiet huma ragjonevoli jew le, hija aggixiet bhala l-Ministru u bhala l-Kontrollur tad-Dwana u dan ma setghetx taghmlu.

Din il-Qorti tosserva illi dan l-aggravju huwa biss ri-elaborazzjoni tal-ewwel aggravju u li ghalhekk konsegwentement m'hiex se tilqa' dan l-aggravju ghar-ragunijiet gia` moghtija aktar qabel.

8. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud ukoll.

9. It-tielet aggravju tal-appellant huwa illi l-Prim Awla kellha tiddeciedi li s-somma illi hija dovuta da parti tal-appellat hija aktar minn Lm 5000, jew l-ekwivalenti llum ghas-somma ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin euros u sebgha u tmenin euro centezimi (€11,646.87).

L-appellant jaqbel mal-konsiderazzjoni illi ghamlet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward illi "ghandu jithallas dazju fuq il-"fuel" meta l-konsum isir waqt li l-vapur ikun sorgut f'xi port hawn Malta u meta s-servizz jinghata fl-ibhra territorjali Maltin". L-appellant ikompli jsostni illi ma jaqbilx mal-kalkolu illi ghamlet l-ewwel Qorti u li, fl-ahharnett, is-socjeta` appellata ma gabet l-ebda prova kif waslet ghal din il-figura.

10. Minn ezami akkurat tal-provi illi gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti, ghandu jirrizulta illi l-appellat qieghed isostni illi l-kalkolu illi sar tad-dazju dovut sar fuq l-ammont kollu ta' "fuel" illi nxtara mis-socjeta` appellata bejn is-sena 1992 u 1994 (anke meta l-vapur in kwistjoni ma messx portijiet) izda l-Kontrollur tad-Dwana ikkonsidra illi l-vjaggi illi saru, gew esegwiti fl-ibhra territorjali. Minbarra dan, sar kalkolu iehor fuq dak illi jahli l-"generator" tal-vapur. Hemm divergenza bejn l-istima, f'dan ir-rigward, li saret mill-Kontrollur tad-Dwana u dik maghmula mis-socjeta` appellata.

Is-socjeta` appellata pproduciet rendikont, (a fol. 33-35 tal-process), illi fih juru l-vjaggi kollha illi ghamel il-vapur <u>Rose</u> u n-numru ta' sighat u granet illi ghamel fl-ibhra territorjali, barra mill-ibhra territorjali kif ukoll meta jkun sorgut fil-port. Minn dan id-dokument jirrizulta illi l-vapur ghamel xoghol fl-ibhra Maltin ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin (26) gurnata u tmintax-il (18) siegha, xoghol barra l-ibhra Maltin ekwivalenti ghal mija hamsa u sittin (165) gurnata u sitt (6) sighat u sorgut fil-port ghal erba' mija sebgha u erbghin (447) gurnata.

Min-naha tieghu, l-appellant isostni illi hu kien jiehu qari tal-"fuel" qabel il-vapur jitlaq mill-port u meta jirritorna. Il-Kontrollur tad-Dwana jkollu wkoll rendikont ta' kemm inxtara "fuel" mill-vapur. Giet ipprezentata l-ezenzjoni

ministerjali illi biha ma' kienx jithallas dazju meta l-vapur ikun f'ibhra mhux territorjali. Din l-ezenzjoni, illi tinsab a fol. 57 tal-process, tispecifika hekk:
"The Comptroller of Customs is satisfied that the "fuel" has been consumed by such vessels which engaged on offshore operations performed outside Maltese Territorial waters."

Il-Kontrollur tad-Dwana mbaghad (ara fol. 22 u 23) esebixxa rendikont tad-dazju dovut ghal konsum fil-portijiet ta' Malta u fl-ibhra territorjali Maltin. Minn dan ir-rendikont jidher illi l-ammont dovut huwa ta' Lm 23,290 jew erbgha u hamsin elf mitejn wiehed u hamsin euros u hdax-il euro centezimu (€ 54,251.11) kif mitlub mill-Kontrollur tad-Dwana fl-ittra ufficjali spedita minnu.

Din il-Qorti, wara illi rat dan kollu, hi tal-fehma illi l-ewwelnett il-kliem tal-ezenzjoni huma cari fis-sens illi m'ghandux jithallas dazju meta l-vapur ikun qieghed jigi uzat ghal operazzjonijiet "offshore" ossia barra mill-ibhra territorjali Maltin. Ghalhekk m'ghandux jithallas dazju kemm meta l-vapur ikun barra l-ibhra territorjali u kemm meta l-vapur ikun f'ibhra territorjali izda fi triqtu ghal barra l-ibhra territorjali. Ghalhekk l-ammont ta' dazju illi ghandu jithallas huwa ghal operazzjonijiet gewwa l-ibhra territorjali ta' Malta u ghal konsum ta' *"fuel"* meta l-vapur ikun sorgut fil-port ta' Malta.

Il-Qorti ezaminat inoltre r-rendikont prezentat mill-Kontrollur tad-Dwana (a fol. 22) u tinnota illi dan jindika l-vjaggi illi saru barra l-ibhra territorjali Maltin bejn it-18 ta' Gunju 1992 u s-6 ta' Marzu 1993 u illi gew ikkonsmati erba' mija u tmint elef, erba' mija u tnejn u disghin (408,492) litri ta' *"fuel"* illi gew dazjati mill-Kontrollur tad-Dwana. Izda meta din il-Qorti kkomparat dan ir-rendikont ma' dak illi nghata mill-appellant sabet li dawn ma jaqblux. Dan huwa hekk anke ghar-rendikont illi jinsab a fol. 23 meta kkomparat mar-rendikont tas-socjeta` appellata.

11. Din il-Qorti meta kkonsiderat l-Att dwar id-Dazji u l-Importazzjoni, Kapitlu 337 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ezenzjoni

illi nghatat mill-Ministru kkoncernat, kif ukoll ix-xiehda ta' Peter Grima (a fol. 41 tal-process) illi jghid:
"Ahna konna nikkonsidraw li l-vapur siefer jekk tingieb prova li jkun dahal go xi port barra minn Malta. Jekk ma tingiebx tali prova, il-vapur ghalina ma kienx jigi kkonsidrat li huwa siefer."

waslet ghall-konkluzjoni, kif del resto ghamlet l-ewwel Qorti, illi wiehed ma setax jikkonsidra r-rendikont illi nghata mill-Kontrollur tad-Dwana bhala wiehed attendibli u ghalhekk din il-Qorti wkoll tikkondividi l-konkluzjoni illi l-hlas ta' Lm5000 jew hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin euro centezmi (€11,646.87), huwa l-hlas illi huwa effettivament dovut.

Dan huwa hekk ghaliex il-procedura illi kien juza l-Kontrollur tad-Dwana illi jiehu qari tal-*"fuel"* qabel ma' jitlaq il-vapur, imbaghad jerga' jiehu *reading* iehor meta l-vapur jigi lura u jikkonsidra illi l-vapur siefer biss jekk tingieb prova illi miss ma' port barrani mhix procedura tajba ghat-tip ta' servizz u vjaggi illi kien jaghmel dan il-vapur illi kif gie ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza kien jissupplixxi *oil rigs* ukoll. Isegwi ghalhekk li l-Kontrollur tad-Dwana kellu jikkonsidra illi dan il-vapur siefer mhux biss meta jmiss port barrani izda meta jkun "engaged on offshore operations".

12. Biex wiehed jasal ghal kemm dazju kellu fir-realta` jithallas mis-socjeta` appellata, tali ezercizzju hu difficli li jigi kompjut ghaliex mill-provi ezibiti dan il-kontegg huwa difficli li jsir. Fattur importanti illi din il-Qorti qeghda hawn tiehu in konsiderazzjoni sabiex tiddeciedi dan l-aggravju huwa illi meta wiehed jara n-numru ta' granet li fihom il-vapur kien barra mill-ibhra territorjali, dawn jaqbzu bil-kbir dawk il-granet fejn il-vapur hadem fl-ibhra territorjali jew kien sorgut fil-port. Irrizulta li s-socjeta` appellata kellha thallas dazju ghal sitta u ghoxrin (26) gurnata u tmintax-il (18) siegha u erbgha mija sebgha u erbghin (447) gurnata meta il-vapur taghha kien sorgut fil-port.

Izda minhabba l-fatt illi mill-provi illi gew prodotti dan il-kontegg ma' jistax isir bil-precizjoni illi jisthoqqlu, u

minhabba l-fatt illi l-appellant Kontrollur tad-Dwana kien accetta illi jsir il-hlas ta’ Lm 5000 jew hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin euros u sebgha u tmenin euro centezimi (€11,646.87), imqar jekk dak iz-zmien kien hemm possibilita` li kien hemm diga` ammont akbar dovut (fatt mhux ippruvat), din il-Qorti ikollha kwindi tichad dan l-aggravju u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti fis-sens illi dan huwa l-ammont illi huwa effettivament dovut.

13. Ir-raba’ aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt illi permezz tal-hlas akkont ta’ Lm 5000 jew hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin euros u sebgha u tmenin euro centezimi (€11,646.87), illi sar mis-socjeta` appellata, din il-istess socjeta` ammettiet illi ghandha taghti l-ammont kollu mitlub mill-appellant.

Fir-rigward ta’ dan il-hlas illi sar ta’ Lm 5000, jew hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin euro centezimi (€11,646.87), ix-xhud prodott mis-socjeta` appellata, Beppe Hili, qal illi s-socjeta` kienet hallset dan l-ammont ghaliex kien l-ammont illi huma jippretendu illi kellu jithallas. Sussegwentement ix-xhud Lawrence Farrugia jghid illi dan il-hlas sar sabiex f’dak il-mument is-socjeta` appellata jkollha “clearance” da parti tal-Kontrollur tad-Dwana biex huma jkunu jistghu jixtru aktar “fuel”. Ghalhekk il-hlas illi sar da parti tas-socjeta` appellata sar “taht protesta”, u biss sabiex is-socjeta` appellata tkun tista’ tixtri aktar “fuel”.

Skond l-Artikolu 1156 tal-Kodici Civili, kreditur ma’ jistax jigi mgieghel milli jircievi l-hlas ta’ bicca mid-dejn, ghalkemm dan id-dejn ikun jista’ jinqasam. Ghalhekk a bazi ta’ dan il-principju, il-Kontrollur tad-Dwana seta jirrifjuta illi jsir dan il-hlas da parti tas-socjeta` appellata, jekk ma jsirx il-hlas tal-ammont kollu dovut sa’ dak il-perjodu.

Qatt u fl-ebda waqt, waqt it-trattazzjoni tal-kawza ma’ kien hemm xi ammissjoni da parti tas-socjeta` appellata illi l-ammont illi qieghed jigi mitlub mill-appellant kien gie accettat minnha u fil-fatt din il-kawza hija proprju l-

opposizzjoni formali da parti tas-socjeta` appellata ghat-talba ghal dan il-hlas ta' dazju.

Ghalhekk dan l-aggravju m'ghandu ebda bazi u qieghed jigi michud.

14. Fil-hames aggravju tieghu, l-appellant jissottometti illi s-somma mitluba mill-Kontrollur tad-Dwana hija dovuta fl-intier taghha u li ghalhekk l-Prim Awla ma' kienitx korretta meta ddecidiet illi l-ebda ammont ulterjuri huwa dovut barra l-ammont tal-Lm5000 jew hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin euro centezmi (€11,646.87), li diga` thallas.

Dan l-aggravju huwa ripetizzjoni tat-tielet u tar-raba' aggravji, liema aggravji din il-Qorti diga kkonsidrat u illi ghalhekk m'hemm ebda htiega li terga' tikkonsidrahom. Minhabba illi kemm it-tielet aggravju kif ukoll ir-raba' aggravju gew michuda, bhala konsegwenza qieghed jigi michud dan il-hames aggravju wkoll.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi dan l-appell billi tichad l-appell tal-Kontrollur tad-Dwana u tikkonferma s-sentenza tal-Prim Awla moghtija fil-24 ta' Gunju 2005 fil-kawza fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez ta' dana l-appell ikunu unikament a karigu tal-appellant Kontrollur tad-Dwana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------